



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.2.2014
COM(2014) 47 final

ANNEX 1

ANNESSI

Il-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Kanada u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja fl-Unjoni Ewropea

ANNESI

Il-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Kanada u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja fl-Unjoni Ewropea

IL-KANADA,

minn naħa waħda;

u

IR-REPUBBLIKA TAL-AWSTRIJA,

IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-KROAZJA,

IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA TAL-ESTONJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

L-UNGERIJA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

MALTA,

IR-RENJU TAL-PAJJIŻI L-BAXXI,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

IR-RUMANIJA,

IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IR-RENJU TA' SPANJA,

IR-RENJU TAL-ISVEZJA,

IR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ,

billi huma partijiet għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u billi huma Stati Membri tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem, l-"Istati Membri"),

u

L-UNJONI EWROPEA,

min-naħa l-oħra;

Wara li kkunsidraw l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja fl-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Lulju 2013,

QABLU FUQ DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Ir-Repubblika tal-Kroazja hija parti mill-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru, iffirmit mill-Kanada u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fis-17-18 ta' Diċembru 2009 (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim").

Artikolu 2

It-test tal-Ftehim fil-lingwa Kroata, li huwa meħmuż ma' dan il-Protokoll, għandu jsir awtentiku taħt l-istess kundizzjonijiet tal-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra.

Artikolu 3

Dan il-Ftehim għandu jiġi approvat mill-Partijiet skont il-proċeduri tagħhom stess. Għandu jidħol fis-seħħ fid-data tad-dħul fis-seħħ tal-ftehim. Madankollu, jekk dan il-Protokoll jiġi approvat mill-Partijiet wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim, imbagħad jidħol fis-seħħ, f'konformità mal-Artikolu 23(1) tal-Ftehim, xahar wara d-data tal-aħħar nota diplomatika fejn il-Partijiet jikkonfermaw li l-proċeduri kollha meħtieġa għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll tlestew.

Artikolu 4

Magħmul fi, f'żewġ kopji, fi 2013, bil-Bulgaru, biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ingliż, bl-Ispanjol, bil-Kroat, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bl-Olandiż, bit-Taljan, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bl-Isvediż, u bl-Ungeriż, fejn kull test huwa ugwalment awtentiku.

GĦALL ISTATI MEMBRI

GĦALL KANADA

GĦALL-UNJONI EWROPEA